



## LEJN POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI GĦAL WARJA L-2020

Ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) intemmet fl-2013 u daħħlet fis-seħħ fl-2015. L-istituzzjonijiet Ewropej impenjaw ruħhom li jadottaw riforma ġdida b'kunsiderazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 qabel it-tmiem tal-perjodu attwali (2020).

### IL-BAŻI ĠURIDIKA

Il-proposti leġiżlattivi dwar il-PAK warja L-2020 ([COM\(2018\)0392](#), 0393 u 0394 tal-1 ta' Ġunju 2018) u proposta għal qafas finanzjarju pluriennali ġdid (QFP) 2021-2027 (COM(2018)0322 tat-2 ta' Mejju 2018).

### L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PAK 2014-2020

Ir-regolamenti ta' bażi tal-PAK il-ġdida ġew ippubblikati f'Diċembru 2013. L-Istati Membri kellhom jagħmlu għażliet kruċjali matul L-2014, minħabba d-diversità tar-regoli ta' implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida ta' pagamenti diretti u l-ispazju għall-immanuvrar mogħtija mis-sistema. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ħlief wieħed (il-Ġermanja), użaw l-għażla ta' pagamenti akkoppjati b'rati differenti ħafna, u tmienja minnhom iddeċidew li japplikaw il-pagament ridistributtiv, u fl-aħħar, 15-il Stat Membru applikaw l-iskema għall-bdiewa ż-żgħira. Fir-rigward tal-"pagament ta' ekoloġizzazzjoni", ħames Stati Membri taw il-possibbiltà lill-bdiewa li jissodisfaw uħud mill-obbligi tagħhom billi japplikaw prattiki ekwivalenti. Barra minn hekk, l-għażliet taż-żoni li għandhom interess ekoloġiku jvarjaw b'mod konsiderevoli fi ħdan l-Unjoni (l-għażla l-aktar komuni tikkonċerna ż-żoni bi pjanti li jiffissaw in-nitroġenu - il-pajjiżi kollha għamlu din l-għażla ħlief id-Danimarka - filwaqt li tmien pajjiżi biss inkludew l-għelieqi mtarrġa fil-lista tagħhom). Barra minn hekk, 15-il pajjiż ittrasferew ammonti bejn iż-żewġ pilastru: il-bilanċ nett tat-trasferimenti mill-ewwel pilastru għat-tieni wieħed żdied għal EUR 4 biljun fuq il-perjodu kollu.

Fir-rigward tat-tieni pilastru, il-Kummissjoni approvat, bejn Diċembru 2014 u Diċembru 2015, total ta' 118-il programm ta' żvilupp rurali li tnejjew mit-28 Stat Membru. Għoxrin Stat Membru għażlu li jimplimentaw programm nazzjonali wieħed, u tmienja għażlu li jużaw aktar minn programm wieħed (pereżempju, biex jippermettu kunsiderazzjoni aħjar tal-istruttura ġeografika jew amministrattiva tagħhom) (ara l-iskeda [3.2.6](#)).



## LEJN POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI GĦAL WARJA L-2020

Il-ħidma fuq il-PAK għal warja L-2020 bdiet mill-Presidenza Netherlandiża tal-Kunsill fl-aqgħa informali organizzata f'Mejju 2016. Il-Presidenzi tal-Kunsill sussegwenti komplew bil-proċess billi niedu riflessjoni dwar l-isfidi agrikoli ewlenin li għandhom jiġu indirizzati (prattiki kummerċjali iġusti fil-katina agroalimentari, it-tibdil fil-klima u r-riżorsi tal-ilma, il-ġestjoni tar-riskju u r-rwol ta' pagamenti akkoppjati, eċċ.).

Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, f'Jannar 2016 ħolqot grupp ta' ħidma biex jirrifletti fuq il-futur tal-politika tas-swieq agrikoli li ppreżenta r-rapport finali tiegħu f'Novembru 2016. Rigward it-tieni pilastru, il-konferenza "Cork 2.0" ta' Settembru 2016 wasslet għall-adozzjoni ta' dikjarazzjoni li tenfasizza għaxar linji gwida ewlenin għall-ġejjieni tal-politika ta' żvilupp rurali fl-Ewropa.

Fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, il-Kummissjoni adottat proposta leġiżlattiva "omnibus" fl-14 ta' Settembru 2016, li taffettwa bosta politiki Ewropej ([COM\(2016\)0605](#)), inkluża l-PAK. Fil-prinċipju l-għan kien li jsiru adattamenti tekniċi lill-atti bażiċi fis-seħħ sabiex jiġu ssimplifikati l-istrumenti eżistenti. Fl-aħħar, fuq insistenza tal-Parlament Ewropew, dan l-eżerċizzju sar mini riforma reali tal-PAK. Il-Parlament Ewropew kien ispirat mir-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' ħidma dwar is-swieq agrikoli sabiex jippreżenta emendi ulterjuri maħsuba biex isaħħu l-mekkaniżmi fis-seħħ. Intlaħaq ftehim mal-Kunsill f'Ottubru u t-test ġie ppubblikat f'Diċembru 2017 (Regolament (UE) Nru 2017/2017, ĠU L 350, 29.12.2017). It-titjib maqbul jikkonċerna l-kamp ta' applikazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, it-tiżiħ tal-assigurazzjoni agrikola u l-għodod għall-istabbilizzazzjoni tad-dħul, ir-regoli għall-pagamenti ekoloġiċi u l-pagamenti lill-bdiewa żgħażaġħ u d-definizzjoni ta' "bidwi attiv" (li tippermetti lill-Istati Membri applikazzjoni flessibbli ħafna).

Il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika dwar il-ġejjieni tal-PAK fi Frar 2017, li tlestiet f'Mejju 2017. Imbagħad hi ppreżentat komunikazzjoni, intitolata "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" fid-29 ta' Novembru 2017 ([COM\(2017\)713](#)). Dan id-dokument, li huwa vag mil-lat operazzjonali, iffoka fuq il-governanza agrikola, u ħabbar bidla radikali fil-mudell għall-implimentazzjoni tal-PAK. Rapport fuq inizjattiva proprja tal-Parlament Ewropew (rapport Dorfmann) dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni kien segwit minn riżoluzzjoni adottata fil-plenarja tat-30 ta' Mejju 2018 ([P8\\_TA\(2018\)0224](#)).

## IL-KUNTEST TAR-RIFORMA TAL-PAK GĦAL WARJA L-2020

Ir-riforma tal-PAK tal-2013 kienet deċiża f'nofs reċessjoni. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-ambjent ekonomiku u istituzzjonali nbidel. Reġa' kien hemm tkabbir iżda baqa' dgħajjef ħafna. Barra minn hekk, l-iżviluppi ġeopolitiċi żiedu l-inċertezza tas-swieq (il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE f'Jannar 2020, il-kriżi tas-sħubija tradizzjonali bejn l-UE u l-Istati Uniti wara l-elezzjoni tal-President Trump). Min-naħa l-oħra, hemm staġnar tal-multilateraliżmu kummerċjali u n-numru li qed jikber ta' ftehimiet bilaterali mhux qed jirnexxielu jtaffi t-tendenzi protezzjonisti u l-kunflitti kummerċjali. Fl-aħħar nett, hemm sfidi ġodda relatati mat-tibdil fil-klima u s-sostenibbiltà, li jakkumpanjaw id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Pariġi (COP 21) u l-impenji tan-NU lejn l-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li l-



iżviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari r-rivoluzzjoni diġitali, għandhom impatt sinifikanti fuq il-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-ikel.

## IL-PROPOSTI LEĠIŻLATTIVI GĦALL-PAK GĦAL WARA L-2020

Il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-perjodu 2021-2027 (COM(2018)0322 tat-2 ta' Mejju 2018) stabbiliet il-baġit agrikolu għall-ġejjieni. Minkejja l-fatt li l-Unjoni qed tkompli tiddedika sehem sinifikanti mill-baġit tagħha għall-agrikoltura (28.5 % tal-perjodu totali) (ara l-iskeda [3.2.10](#), tabella I), jista' jiġi nnutat tnaqqis sinifikanti ħafna f'termini reali (-15 %), minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit (kontributor nett għall-baġit) u l-ħtiġijiet ta' finanzjament li jirriżultaw mill-prijoritajiet il-ġodda tal-Unjoni (il-migrazzjoni, il-fruntieri esterni, l-ekonomija diġitali, trasport). Il-pakkett agrikolu jammonta għal EUR 324.2 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2018, li għandhom jitqabblu mal-baġit preċedenti tal-perjodu 2014-2020, wara t-tnaqqis tan-nefqa għar-Renju Unit (ara l-iskeda [3.2.10](#), tabella I, kolonna 1). L-ewwel pilastru kompli jieħu preċedenza (Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), 78.4 %), għalkemm naqas bi 11 %, filwaqt li l-iżvilupp rurali kien dak li l-aktar tnaqqas, bi 28 %.

Fuq il-bażi tal-QFP il-ġdid, il-Kummissjoni ppreżentat tliet proposti għal regolament li jiddefinixxu l-qafas leġiżlattiv tal-PAK għall-perjodu 2021-2027 ([COM\(2018\)0392](#), 0393 u 0394 tal-1 ta' Ġunju 2018). Hi tipproponi bidla radikali tal-mudell ta' implimentazzjoni tal-PAK, orjentat lejn ir-riżultati u s-sussidjarjetà, billi jagħti lill-Istati Membri rwol aktar importanti fl-użu tal-programmi tal-PAK. Fil-ġejjieni, l-Unjoni trid tistabbilixxi parametri essenzjali (għanijiet tal-PAK, eżiġenzi ta' bażi, tipi prinċipali ta' intervent tal-ewwel u t-tieni pilastru), filwaqt li l-Istati Membri għandhom ifasslu pjanijiet strateġiċi pluriennali bl-għan li jiksibu l-għanijiet speċifiċi u kwantifikati deċiżi b'mod konġunt.

Il-PAK futura se tiffoka fuq disa' għanijiet li jirriflettu l-prestazzjoni ekonomika, ambjentali u soċjali tagħha. Din se żżomm iż-żewġ pilastru tagħha u ż-żewġ fondi agrikoli għall-appoġġ tal-programmi nazzjonali abbażi ta' firxa ta' miżuri magħżula f'approċċ integrat. Fi kwalunkwe każ, il-pagamenti diretti (diżakkoppjati u akkoppjati) jibqgħu l-elementi ta' prijorità tal-PAK il-ġdida.

Minbarra l-governanza tal-PAK il-ġdida, il-punti ewlenin l-oħra tal-proposti ta' riforma huma:

- Fir-rigward tal-ewwel pilastru, ir-ridistribuzzjoni tal-appoġġ dirett issib impetu ġdid: il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis fil-pagamenti 'l fuq minn EUR 60 000 u limitu massimu obligatorju għal ammonti ta' aktar minn EUR 100 000 għal kull azjenda agrikola. Barra minn hekk, il-programmi ta' intervent settorjali huma trasferiti mill-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS) għall-pjanijiet strateġiċi nazzjonali ġodda;
- L-arkitettura ekoloġika l-ġdida hija ħafna aktar flessibbli fit-tfassil u l-ġestjoni tagħha u hija fdata f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali. Hi għandha tliet aspetti: Il-kundizzjonalità l-ġdida (obligatorja iżda aktar flessibbli fid-dettall); il-programmi klimatiċi u ambjentali (li se jkunu ffinanzjati mill-FAEG u li se jissostitwixxu l-pagamenti ekoloġiku eżistenti) u l-miżuri agroambjentali u klimatiċi (iffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR));



- Fir-rigward tat-tieni pilastru: il-FAEŻR m'għadux Fond Strutturali taħt il-qafas komuni tal-politika ta' koeżjoni; Ir-rata ta' kofinanzjament tnaqqset b'għaxar punti; il-Kummissjoni qed tikkonċentra l-interventi għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, għalkemm xi miżuri jsiru inqas viżibbli (bħall-agrikoltura ekoloġika); fl-aħħar nett, ir-regoli tal-programm Leader isiru fil-livell tal-politika ta' koeżjoni, anke jekk il-finanzjament tiegħu huwa ffinanzjat mill-baġit agrikolu.

## **ID-DIBATTITI LI GĦADDEJJIN BĦALISSA**

L-ewwel reazzjonijiet għall-proposti tal-Kummissjoni juru kunsens wiesa' dwar l-għanijiet proposti, iżda juru diverġenzi kbar dwar il-mezzi implimentati biex dawn jinkisbu, u biex jiġi żgurat li l-ġestjoni tkun aktar sempliċi u aktar effettiva.

L-oqsma ewlenin ta' kunflitt huma b'mod partikolari: it-tnaqqis fil-baġit previst fil-PAK għall-perjodu 2021-2027; l-ambitu tal-pjanijiet nazzjonali strateġiċi, li jistgħu jkunu differenti ħafna u ma jilħqux l-għanijiet stabbiliti fil-livell Ewropew (speċjalment fil-livell ambjentali); L-iffissar obbligatorju ta' limitu massimu, li tqies restrittiv wisq għall-maġġoranza tal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet professjonali tagħhom, li huma pjuttost favur soluzzjoni fakultattiva; il-livell u l-pass tal-konverġenza esterna tal-għajnuna diretta (seba' Stati Membri talbu l-aċċellerazzjoni tal-armonizzazzjoni tal-appoġġ għal kull ettaru tas-27 Stat Membru, iżda tmienja oħra opponew dan l-approċċ b'mod qawwi); il-piżijiet amministrattivi li jirriżultaw minn rekwiżiti ġodda ta' prestazzjoni; fl-aħħar nett, hemm dubju dwar l-ambitu ta' xi atti delegati u ta' implimentazzjoni proposti, b'mod partikolari minħabba li jistgħu jmorru lil hinn mill-kompetenza ta' ġestjoni tal-Kummissjoni.

Għandu jiġi nnutat li, mingħajr ftehim fil-livell finanzjarju, ir-riforma tal-PAK ma tistax tiġi adottata, minħabba l-piż baġitarju tal-istrumenti agrikoli. Kif mistenni, il-fehmiet diverġenti ħafna li jeżistu dwar il-qafas baġitarju futur affettwaw in-negożjati agrikoli. F'Diċembru 2019, il-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill ippruvat issib kompromess fil-livell globali tal-qafas finanzjarju 2021-2027 u t-tqassim tan-nefqa bejn il-politiki tradizzjonali tal-Unjoni (PAK, koeżjoni) u l-prijoritajiet ġodda. Il-proposta inkludiet it-tnaqqis tal-pakkett finanzjarju pluriennali sa 1.07 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING) Ewropew filwaqt li ssaħħaħ il-baġit tal-iżvilupp rurali b'EUR 10 biljun (ara l-iskeda 3.2.10, tabella I, kolonna 4), iżda ma waslitx għal ftehim. Wara dan l-ewwel falliment, il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-Unjoni reġgħu ltaqgħu fl-20 u l-21 ta' Frar 2020. Il-President tal-Kunsill Ewropew, Charles Michel, ippreżenta proposta li, għalkemm żiedet ftit il-pakkett totali għall-perjodu 2021-2027 meta mqabbel mal-abbozz tal-Presidenza Finlandiża (sa 1.074 % tal-ING), kienet tammonta għal tnaqqis fl-ammont globali allokat għall-PAK ta' 14 % (ara l-iskeda 3.2.10, tabella I, kolonna 5). Wara jumejn ta' dibattiti, il-kundizzjonijiet mhux negożjabbli stabbiliti mid-difensuri tal-PAK u tal-politika ta' koeżjoni min-naħa, u l-pajjiżi msejġha "moderati" li jsostnu baġit limitat għal 1% ta-ING min-naħa l-oħra, kienu għadhom hemm. Fid-dawl ta' din il-konstatazzjoni, ir-rappreżentanti tas-27 Stat Membru ma laħqux ftehim.



## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament Ewropew iddikjara mill-ġdid li l-finanzjament tal-PAK għandu jinżamm f'termini reali wara l-2020 ([P8\\_TA\(2018\)0449](#), 14.11.2018) (ara l-iskeda [3.2.10](#), tabella I, kolonna 3). Sussegwentement, il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (Comagri) ħatar rapporteurs għal kull att leġiżlattiv: Is-Sa Esther Herranz (Grupp tal-Partit Popolari Ewropew) dwar l-arkitettura ġdida tal-PAK; Is-Sa Ulrike Müller (Grupp tal-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa) dwar ir-regolament trasversali ġdid; u s-Sur Eric ANDIU (Grupp tal-Alleanza Progressiva tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi fil-Parlament Ewropew) dwar il-proposta emendata dwar l-OKS. F'April 2019, il-Comagri vvota dwar it-tliet taqsimiet tal-proposti. Fost l-emendi adottati, id-deċiżjonijiet ewlenin jikkonċernaw:

- l-OKS: it-tisfih tal-miżuri ta' kontroll tal-provvista bħala kontinwazzjoni tal-pakkett tal-ħalib; regoli ta' kompetizzjoni mtejbja biex jinkoraġġixxu aktar lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi; u l-estensjoni tal-għodod regolatorji għas-settur tal-inbid;
- il-pjanijiet strateġiċi: tnedija fl-2022; il-konverġenza esterna tal-għajjnuna għal kull ettaru li għandha titlesta fl-2027; l-immirar tal-allokkazzjoni finanzjarja taħt l-ewwel pilastru (60 % għall-pagament bażiku u l-pagament ridistributtiv; 20 % għall-programm ekoloġiku; 10 + 2 % għal appoġġ akkoppjat; 3 % għar-reġimi settorjali); allokkazzjoni finanzjarja taħt it-tieni pilastru (li timmira 30 % tal-oġġettivi ambjentali u 30 % tal-investment u miżuri ta' ġestjoni tar-riskju); il-limitu massimu tal-għajjnuna għal EUR 100 000 sakemm l-Istati Membri ma japplikawx pagament ridistributtiv ta' 10 %; il-limitazzjoni sa 15 % tat-trasferimenti mill-ewwel għat-tieni pilastru u 5 % mit-tieni għall-ewwel pilastru;
- ir-regolament orizzontali: it-titjib tal-qafas komuni għall-awditjar u l-kontrolli; riżerva għall-kriżijiet iffinanzjata b'EUR 1,5 biljun.

Wara l-elezzjonijiet Ewropej f'Mejju 2019, ir-rappreżentanti eletti ġodda bdew jirrevedu l-emendi adottati mill-Comagri fil-leġiżlatura parlamentari preċedenti bil-għan li jingħalaq l-ewwel qari f'Ġunju 2020.

L-aħħar fażi tan-negożjati agrikoli se tikkoinċidi mad-diskussjonijiet dwar "il-Patt Ekoloġiku Ewropew" li bdew fil-11 ta' Diċembru 2019 b'Komunikazzjoni mill-Kummissjoni (COM(2019)0640). Il-Patt Ekoloġiku jipprevedi l-bini ta' mudell ta' tkabbir sostenibbli u newtrali għall-klima għall-2050, li se jkollu effetti kbar fuq is-sistema agroalimentari Ewropea. F'Marzu 2020 huma mistennija proposti speċifiċi f'diversi oqsma: fost l-oħrajn, il-bijodiversità, il-foresti jew il-livelli ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, inkluż l-hekk imsejħa strateġija "mill-għalqa sal-platt" li għandha l-għan li ssaħħaħ is-sigurtà tal-ikel, tnaqqas il-konsum ta' pestiċidi, fertilizzanti u antibijotiċi, tappoġġja l-innovazzjoni agrikola u ttejjeb l-informazzjoni għall-konsumatur. Il-linji ta' azzjoni adottati taħt il-Patt Ekoloġiku se jkollhom jiġu segwiti minn pjanijiet strateġiċi nazzjonali li għandhom jiġu ppreżentati matul l-2021, li fil-prinċipju se jiġu implimentati mill-2022 'il quddiem.



Albert Massot  
02/2020

